# MALTA TIBKI....

*Ta'* SPIRO BUHAGIAR

*Għall-aħbar tal-mewt tal-kittieb*
*famuż Malti Laurent Ropa.*

Smajtha titbekka... tolfoq... liebsa l-iswed,
Imqabbda f'xagħ'rha twil minn lewn is-sbula,
B'għajnejha ħomor nar, fuq wiċċha sfajjar
donnhom żewġt iġmra

Tistenna ma' kull għafja 'l ruħha ħierġa,
B'binha f'ħoġorha, trossu ma' sidirha;
Tgħidlu li tħobbu, jekk kienx għadu jħobbha
bħalma kien darba.

Tħoss demmek jirżaħ, hekk kif terġa' fiha
Wara li xxenglu w tbusu fuq kull xoffa;
Bla ma jtennilha li kien sar iħobbha
aktar minn dari.

Toħroġ minn qalbha karba twila, twila,
Taħfnu f'dirgħajha donnha qiegħda tibża'
Li ġejjin... waslu... biex jisirquhulha
mill-kenn ta' ħdanha.

Tolfoq... titbekka... tixher... liebsa l-iswed,
Ilmaħtha mqabbda f'xagħ'rha, tbenġel wiċċha,
B'għajnejha jtajru x-xrar, fuq wiċċha sfajjar
donnhom żewġt iġmra.

Imbagħ'd b'leħen miksur b'għajnejha mdemmgħa
Għajtet Melita: 'Għaliex il-fjur tal-fjur
Qiegħed ħesrem jidbiel u jmutli... jmutli
hekk kif raqmuni?'

Siktet imbagħad, bħal donnha m'għadhiex f'dinja.
U hekk smajtha tħammem bejnha u bejn ruħha:
'Serqitu l-mewt, 'ma f'ħajtu kien fost dawka
li ġabru 'l ġiehi!'